Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Diċembru 2024**
**(OR. en)**

**16065/24**

**SOC 859**
**GENDER 252**
**ECOFIN 1371**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 15104/24 + COR 1 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fit-2 ta' Diċembru 2024[1].

[1] Fit-test ġew introdotti korrezzjonijiet editorjali żgħar.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi**

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:**

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej; l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea mnaqqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").

2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddikjara li fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa.

3. L-Artikolu 153 TFUE jipprovdi li l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri, fil-qasam tal-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol.

4. L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jiddikjara li l-Unjoni "għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal."

5. L-Artikolu 33 tal-Karta jipprevedi li l-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali. Jipprevedi wkoll li "Sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raġuni konnessa mal-maternità, u d-dritt għal leave tal-maternità mħallas u għal leave parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla."

6. Il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma rikonoxxuti fil-Prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie pproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017.

7. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa f'xogħol imħallas u ta' kwalità hija prerekwiżit għall-istabbiltà ekonomika, it-tkabbir u l-kompetittività; għalhekk għandhom jittieħdu miżuri biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward tal-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel matul il-ħajja.

8. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija essenzjali biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 ta' rata ta' impjieg ta' 78 % għall-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u approvata mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto f'Mejju 2021. Dan jikkontribwixxi għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Pjan ta' Azzjoni ġie arrikkit b'sottomira biex id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas mill-inqas bin-nofs sal-2030 meta mqabbla mal-2019.

9. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2020-2025 tenfasizza li "t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema huwa wieħed mill-modi kif jiġu indirizzati d-differenzi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li ż-żewġ ġenituri jkunu iħossuhom responsabbli u intitolati għal dak li għandu x'jaqsam mal-kura tal-familja". L-Istrateġija tenfasizza wkoll li l-istereotipi marbuta mal-ġeneru huma kawża ewlenija tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri.

10. Skont id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, "il-politiki relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi billi jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, il-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn l-irġiel u n-nisa, u l-eliminazzjoni tad-disparitajiet bejn is-sessi fil-qligħ u fil-paga. Tali politiki jenħtieġ li jqisu l-bidliet demografiċi inklużi l-effetti tat-tixjiħ tal-popolazzjoni."

11. L-Istrateġija Ewropea għall-Kura tenfasizza l-importanza li jiġu żgurati servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli madwar l-Unjoni Ewropea u li tittejjeb is-sitwazzjoni kemm għar-riċevituri tal-kura kif ukoll għall-persuni li jieħdu ħsiebhom, professjonalment jew informalment. L-Istrateġija hija akkumpanjata minn żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 u dwar l-Aċċess għall-Kura fit-Tul Affordabbli u ta' Kwalità Tajba, li jippromwovu miżuri li jsaħħu l-kura aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal u għal dipendenti oħra tul il-ħajja. Din hija kkomplementata wkoll bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru. Dawk il-Konklużjonijiet jenfasizzaw ukoll l-importanza li jiġi ffaċilitat l-għajxien indipendenti.

12. Id-Direttiva (UE) 2019/1152 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea għandha l-għan, fost l-oħrajn, li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema kollha, b'mod partikolari dawk f'impjieg ġdid u mhux standard, filwaqt li tippreserva l-ambitu għall-adattabbiltà u għall-innovazzjoni fis-suq tax-xogħol.

13. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni" tiddikjara li "kulħadd jeħtieġ li jiġi appoġġat biex ikun jista' jagħżel kemm karriera kif ukoll familja. L-għażla li jkollok it-tfal hija waħda personali. Madankollu, il-kwalità tal-ħajja, id-disponibbiltà tal-kura u l-akkomodazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet ta' xogħol u introjtu adegwat jistgħu jsawru dawn l-għażliet. Hemm xejra dejjem tikber ta' żgħażagħ li jipposponu d-deċiżjoni li jibdew familja jew li jillimitaw id-daqs tagħha." "L-elementi ewlenin li jispjegaw id-distakk bejn id-daqs tal-familja attwali u dak mixtieq jinkludu d-diffikultà biex jiġu rikonċiljati r-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura u l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri, kif ukoll l-insigurtà ekonomika u soċjali marbuta mal-prospetti ta' impjieg, l-għoli tal-ħajja u l-akkomodazzjoni". Il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u s-solidarjetà u l-ekwità interġenerazzjonali jridu jkunu fil-qalba tal-għażliet ta' politika.

14. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) bit-titolu "L-iżgurar ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bbażat fuq il-ħtiġijiet għal kulħadd: kif kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli adegwati jistgħu jappoġġjaw is-solidarjetà interġenerazzjonali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa" tenfasizza l-bżonn ta' soluzzjonijiet għal bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bbażati fuq il-ħtiġijiet fir-rigward ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kif ukoll servizzi ta' kura affordabbli, disponibbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja li jkunu ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha. L-opinjoni tirrakkomanda l-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod għall-Kura b'indikaturi u miri għall-kura fit-tul. Barra minn hekk, tenfasizza l-importanza li jiġi eżaminat l-istat tal-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fil-kumpaniji tal-UE, minħabba li "l-appoġġ lill-ħaddiema biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tal-familja mhux biss itejjeb il-produttività u ż-żamma tal-ħaddiema iżda wkoll jagħti spinta lill-prestazzjoni ġenerali tal-kumpanija".

15. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sett ta' Għodod Demografiċi tal-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u s-solidarjetà interġenerazzjonali bħala soluzzjonijiet ewlenin għall-isfidi demografiċi tal-Ewropa. Hija tenfasizza li t-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata permezz ta' politiki bħal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli huwa essenzjali biex il-familji jiġu appoġġati u biex kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-forza tax-xogħol. Tingħata wkoll attenzjoni għall-kooperazzjoni interġenerazzjonali, b'enfasi fuq it-trawwim tat-tixjiħ attiv u t-trasferiment tal-ħiliet bejn il-ġenerazzjonijiet, filwaqt li jiġi żgurat li persuni ta' kull età jkunu jistgħu jgħixu ħajja sodisfaċenti u indipendenti filwaqt li jikkontribwixxu għas-soċjetà.

16. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Isfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem, il-Kunsill enfasizza li jeħtieġ li politiki demografiċi effettivi jkunu affidabbli u dejjiema. L-investiment f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) affordabbli u ta' kwalità għolja jista' jikkontribwixxi għal tiġdid demografiku, ikun ta' benefiċċju għal tfal soċjoekonomikament żvantaġġati, u joħloq forza tax-xogħol futura aktar reżiljenti filwaqt li jtejjeb l-eżiti soċjali.

17. Kif imsemmi fid-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni bit-titolu "The impact of demographic change – in a changing environment,", sabiex jiġu żgurati l-prosperità u l-benesseri futuri fl-UE, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni demografika. Dawn l-isfidi jinkludu popolazzjoni li qed tixjieħ, popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tiċkien u tnaqqis fil-popolazzjoni b'mod aktar ġenerali, kif ukoll żieda fid-disparitajiet reġjonali, inkluż distakk li qed jikber bejn iż-żoni urbani u dawk rurali.

18. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa, il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Sett ta' Għodod Demografiċi, inkluż l-analiżi tagħha u s-sejħa għal approċċ komprensiv għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku. Huwa ssottolinja wkoll il-ħtieġa għal aktar azzjoni biex jiġi ġestit it-tibdil demografiku fl-Ewropa billi jsiru sforzi kontinwi li jirriflettu t-tibdil demografiku u l-impatt tiegħu fuq il-kompetittività, il-kapital uman u l-ugwaljanza.

**FILWAQT LI JQIS LI:**

19. L-Unjoni għamlet progress kbir fir-rigward tat-titjib tar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata. Madankollu, b'mod partikolari l-ġenituri bi tfal żgħar għadhom jiffaċċaw diffikultajiet biex jirrikonċiljaw ix-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' indukrar tat-tfal. Minħabba l-istereotipi persistenti marbuta mal-ġeneru u spiss minħabba sistemi ta' appoġġ insuffiċjenti, il-ġenituri, speċjalment l-ommijiet, spiss jiffaċċjaw sfidi serji biex jirrikonċiljaw ir-responsabbiltajiet ta' ġenitur mal-karriera. Filwaqt li għadd dejjem jikber ta' missirijiet jagħmlu użu minn miżuri bħal-leave tal-paternità u tal-ġenituri, in-nisa għad għandhom sehem sproporzjonat ta' xogħol ta' kura mhux imħallas u xogħol domestiku, u b'hekk jiffaċċjaw piż multiplu meta jirritornaw fis-suq tax-xogħol wara li jwelldu. L-irġiel ma jadattawx il-ħin tax-xogħol imħallas tagħhom għar-responsabbiltajiet ta' kura daqs in-nisa. Id-distakk li jirriżulta bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura għandu impatt negattiv fuq ir-rati ta' impjieg tan-nisa u l-karrieri tagħhom, u b'hekk iżid distakki oħra bejn il-ġeneri, fosthom id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u r-riskju ogħla ta' faqar għan-nisa.

20. Mod wieħed kif jiġu ffaċilitati rati ogħla ta' impjieg fost l-indokraturi primarji, li huma prinċipalment nisa, huwa permezz ta' politiki li jiggarantixxu jew jappoġġaw l-aċċess għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandha l-għan li tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja għall-ħaddiema li huma ġenituri jew indokraturi. Din tagħti lill-ġenituri u lill-indokraturi d-dritt li jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Dawn jistgħu jinvolvu impjieg part-time, sigħat flessibbli u xogħol mill-bogħod, iżda jistgħu jinvolvu wkoll tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol. Madankollu, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-użu ta' dawn l-arranġamenti ma jkollux konsegwenzi negattivi fuq l-avvanz fil-karriera tal-impjegati, l-evoluzzjoni tas-salarji, l-introjtu, l-awtosuffiċjenza ekonomika, il-ħinijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-pensjoni. Dan jista' jkun ta' żvantaġġ partikolari għan-nisa jekk jagħmlu użu minn arranġamenti tax-xogħol flessibbli aktar spiss mill-irġiel. Id-drittijiet maħluqa mid-Direttiva huma kruċjali biex tinkiseb diviżjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel u biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Madankollu, skont ir-regoli applikabbli, id-dritt li jintalbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli jappartjeni għall-ġenituri jew l-indokraturi biss u mhux għall-impjegatur.

21. Filwaqt li l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli huma maħsuba biex jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, dawn jistgħu jsaħħu wkoll l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u n-normi tradizzjonali tal-ġeneru, bin-nisa spiss jerfgħu l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' indukrar. Fl-UE, 29.1 % tal-impjegati nisa jaħdmu part-time, filwaqt li dan il-perċentwal huwa biss 9.2 % għall-impjegati rġiel. Barra minn hekk, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, mhux biss f'termini tal-proporzjon ta' nisa u rġiel li jaħdmu part-time, iżda wkoll ir-raġunijiet tagħhom għal dan, kif ukoll fir-rigward tal-possibbiltà li l-ħaddiema jaġġustaw is-sigħat tax-xogħol tagħhom jekk jixtiequ jagħmlu dan.

22. Minħabba li l-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol, il-paga, il-ħin tax-xogħol u l-progressjoni tal-karriera tan-nisa u l-irġiel wara t-twelid ta' wild għadhom ivarjaw b'mod sinifikanti, fost oħrajn minħabba l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u r-rwoli tradizzjonali marbuta mal-ġeneru, il-politiki li jippromwovu d-distribuzzjoni ugwali tax-xogħol imħallas u x-xogħol ta' kura mhux imħallas huma essenzjali biex l-irġiel jiġu involuti fir-responsabbiltajiet ta' kura. Leave individwali u mhux trasferibbli mħallas b'mod adegwat għall-ġenituri, kif ukoll protezzjoni mit-tkeċċija u protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, jgħinu lill-ġenituri ġodda, speċjalment lill-ommijiet, biex jirritornaw għax-xogħol. Politiki bħal dawn jistgħu jgħinu jibbilanċjaw mill-ġdid il-piż tal-kura bejn il-ġenituri, joħolqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, u jżidu r-rata ta' impjieg fost in-nisa. Dawn jistgħu jiffaċilitaw ukoll il-progress fil-karriera tan-nisa f'termini ta' paga u avvanz għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u b'hekk joffru motivatur importanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

23. It-trobbija tat-tfal hija impenn fit-tul, u sabiex il-politiki demografiċi jkunu effettivi, iridu jkunu affidabbli u dejjiema. L-investiment f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja jista' jikkontribwixxi għal tiġdid demografiku u jkollu eżiti pożittivi sinifikanti, b'mod partikolari għal tfal soċjoekonomikament żvantaġġati, billi jgħin biex il-forza tax-xogħol futura ssir aktar reżiljenti fid-dawl tal-isfidi demografiċi, kif ukoll billi jinkisbu eżiti soċjali aħjar tul iċ-ċiklu tal-ħajja.

24. Fl-UE, madwar 7.8 miljun ġenitur jgħixu waħedhom mal-wild jew it-tfal dipendenti tagħhom, u 80 % minnhom huma ommijiet waħedhom.[2] Il-ġenituri waħedhom jeħtieġu sistemi ta' appoġġ komprensivi li jipprovdu flessibbiltà, inkluż faċilitajiet fuq il-post tax-xogħol u servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal adattati għas-sigħat tax-xogħol tal-ġenituri, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.[3]

---

**2** Kalkoli mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bbażati fuq il-mikrodata tal-UE-SILC tal-2022.

3 Ibid.

25. Fl-UE, in-nisa jerfgħu sehem ferm akbar ta' responsabbiltajiet ta' indukrar, b'25 % jirrapportaw id-dmirijiet ta' indukrar bħala waħda mir-raġunijiet għaliex ma jipparteċipawx fis-suq tax-xogħol jew jaħdmu part-time, meta mqabbla ma' 5.1 % biss tal-irġiel.[4] Kif indikat fi stħarriġ mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), madwar 56 % tan-nisa bi tfal taħt it-12-il sena jqattgħu mill-inqas 5 sigħat kuljum fuq l-indukrar tat-tfal, meta mqabbel ma' 26 % tal-irġiel.[5] Dan l-iżbilanċ huwa stmat li jiswa EUR 242 biljun fis-sena.[6] Għalhekk, l-aċċess għas-servizzi ta' kura formali aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja huwa kruċjali biex jitnaqqas il-piż tal-kura informali fuq in-nisa u biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li n-nisa bi tfal żgħar li jużaw is-servizzi tal-ECEC għandhom aktar ċans li jiġu impjegati u huma inqas involuti fl-indukrar tat-tfal li jieħu ħafna ħin. L-attivitajiet ta' kura huma essenzjali għall-benesseri kollettiv tas-soċjetajiet. Għalhekk, huwa importanti li l-persunal fis-settur tal-kura jiġi apprezzat fis-soċjetà u jkollu biżżejjed prospetti ta' karriera u opportunitajiet ta' taħriġ. L-iżgurar ta' livelli adegwati ta' persunal huwa sfida importanti oħra. In-nisa jieħdu ħsieb ukoll, b'mod predominanti tul ħajjithom, lil persuni akbar fl-età u adulti dipendenti li jeħtieġu appoġġ fit-tul, u spiss jibbilanċjaw ix-xogħol u l-kura, sfida soċjali kbira li tillimita l-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-tixjiħ demografiku. Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel li jipprovdu kura u appoġġ informali fit-tul jiffaċċjaw ħafna sfidi biex jirrikonċiljaw ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.

---

4 Eurostat: Raġuni ewlenija għall-impjieg part-time - Distribuzzjonijiet skont is-sess u l-età (%), 2022.

5 Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: A Better Work–Life Balance: Bridging the gender care gap, 2023, https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/better-work-life-balance-bridging-gender-care-gap?language_content_entity=en

6 https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/european-care-strategy

26. In-nisa huma aktar probabbli li jaħdmu part-time, li jieħdu aktar leave tal-ġenituri, u li jkunu assenti mix-xogħol biex jieħdu ħsieb membri tal-familja morda, u x'aktarx ukoll li jwettqu aktar xogħol ta' kura u xogħol domestiku mingħajr ħlas mill-irġiel. Barra minn hekk, in-nisa jqattgħu aktar ħin fuq l-indukrar tat-tfal, il-kura informali u x-xogħol tad-dar, filwaqt li l-irġiel jiffukaw aktar fuq l-attivitajiet ta' tagħlim u ta' divertiment mat-tfal. Dan jirrifletti u jirrinforza l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jipperpetwa l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kemm fil-post tax-xogħol kif ukoll fid-dar. Għalhekk, huma meħtieġa politiki mmirati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni ugwali tal-irġiel fl-għoti tal-kura, sabiex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri u jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru.

27. Leave tal-paternità u leave tal-ġenituri mhux trasferibbli, flessibbiltà akbar u rati għoljin ta' sostituzzjoni tal-introjtu matul it-tali leave jinċentivaw lill-missirijiet u jwasslu għal użu akbar tal-leave. Meta l-missirijiet jieħdu l-leave tal-paternità u tal-ġenituri kmieni, dan jikkontribwixxi għal diviżjoni ugwali tad-dmirijiet tal-indukrar u d-dmirijiet domestiċi b'mod ġenerali, inkluż fit-tul.

28. Il-"ġenerazzjoni sandwich" tirreferi għal individwi**,** l-aktar nisa, li fl-istess ħin jieħdu ħsieb it-tfal, l-adulti dipendenti u l-qraba li jkunu qed jixjieħu u li jkollhom ħtiġijiet ta' kura, li jeħtieġu diversi miżuri ta' appoġġ. Huma meħtieġa sforzi ġodda, inkluż it-titjib tal-politiki u r-riżorsi eżistenti, biex jittejjeb il-forniment ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u kura fit-tul formali li jkunu aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, li jkunu kompatibbli mal-impjieg full-time. L-Eurostat jirrapporta li 50 % tan-nisa u 45.9 % tal-irġiel ta' bejn is-16 u l-74 sena jipprovdu indukrar tat-tfal u kura informali fit-tul. Barra minn hekk, l-għoti ta' kura informali jista' jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri tal-indokraturi, b'mod partikolari dawk tan-nisa, li huma l-aktar involuti fil-kura tal-familja.[7] Is-solidarjetà interġenerazzjonali fuq bażi volontarja tista' tikkomplementa u tgħin biex tavvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, dment li jsiru sforzi biex jiġi żgurat li x-xogħol ta' kura informali jiġi kondiviż b'mod ugwali, mingħajr stereotipi marbuta mal-ġeneru, u ma jiġix impost prinċipalment fuq in-nisa u l-bniet.

---

7 Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: A Better Work-Life Balance: Bridging the gender care gap. https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/better-work-life-balance-bridging-gender-care-gap?language_content_entity=en

29. Il-kooperazzjoni u s-solidarjetà interġenerazzjonali jistgħu jġibu benefiċċji għall-ġenerazzjonijiet kollha. Ir-relazzjonijiet interġenerazzjonali jistgħu jinvigorixxu u jenerġizzaw lill-adulti akbar fl-età kif ukoll jgħinu biex titnaqqas il-probabbiltà ta' dipressjoni u solitudni. Dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jappoġġaw ukoll stimulazzjoni konjittiva u jipprovdu opportunità għall-adulti akbar fl-età biex jiksbu ħiliet ġodda. Min-naħa l-oħra, l-indukrar informali, li fil-biċċa kbira jsir min-nisa, jista' jkollu riperkussjonijiet fiżiċi, mentali u finanzjarji serji, inkluż tnaqqis fl-opportunitajiet ta' impjieg u pensjonijiet aktar baxxi. Barra minn hekk, filwaqt li l-kooperazzjoni interġenerazzjonali tista' toffri appoġġ siewi, din għandha tkun ibbażata fuq impenn volontarju, flimkien ma' servizzi ta' kura pubblika u sistemi ta' protezzjoni soċjali robusti li jinkorporaw perspettiva tal-ġeneru, u l-investiment mill-gvernijiet ikun essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet kemm tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ kif ukoll ta' dawk akbar fl-età jiġu ssodisfati b'mod adegwat. Jeħtieġ ukoll li dawn il-prinċipji u l-politiki jkunu akkumpanjati minn inċentivi ekonomiċi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

30. Servizzi formali ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u servizzi oħra ta' kura u appoġġ ipprovduti mill-istat soċjali huma ta' importanza kbira. Madankollu, meta possibbli, il-ġenerazzjonijiet akbar fl-età wkoll jistgħu jagħżlu li jkollhom rwol importanti fl-appoġġ tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata fost il-ġenituri bi tfal żgħar, li jixtiequ jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, speċjalment in-nisa. L-adulti żgħażagħ jistgħu jagħżlu wkoll li jappoġġaw lill-ġenituri u lin-nanniet tagħhom fil-bżonn fix-xjuħija. Membri tal-familja jew tal-komunità akbar fl-età jistgħu jagħżlu wkoll li jidħlu fir-rwol ta' mentor, u b'hekk jaqsmu l-għarfien u l-ħiliet, u jikkomplementaw ir-relazzjonijiet familjari jew jipprovdu appoġġ fejn ir-rabtiet familjari jkunu fraġli.

31. Hekk kif l-istennija tal-għomor qed tkompli tiżdied fl-Ewropa, l-iżgurar tal-adegwatezza futura tas-sistemi tal-pensjonijiet u ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri ser jirrikjedi aġġustamenti bħal, pereżempju, ħajja tax-xogħol itwal kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

32. Filwaqt li l-għajnuna tal-ġenerazzjonijiet akbar fl-età fl-appoġġ tar-rikonċiljazzjoni aħjar tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata tista' tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha, huwa importanti li jiġi żgurat li din ma jkollhiex effett negattiv fuq l-introjtu, il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol u l-benesseri mentali u fiżika tal-membri tal-ġenerazzjonijiet akbar fl-età involuti.

33. Madwar l-Ewropa, ħafna żgħażagħ, speċjalment bniet żgħar, qed jikkontribwixxu wkoll għall-indukrar billi jipprovdu appoġġ emozzjonali jew prattiku lill-membri tal-familja li huma akbar fl-età, jew li għandhom ħtiġijiet ta' kura jew diżabilità jew li huma morda b'mod kroniku. Iż-żgħażagħ li jipprovdu l-kura jistgħu jiżviluppaw sens qawwi ta' awtostima, empatija u maturità msaħħa. Filwaqt li interazzjonijiet bħal dawn jista' jkollhom vantaġġi reċiproċi, l-indukrar minn età bikrija jista' jġorr ukoll riskji, peress li ż-żgħażagħ b'membri tal-familja li jeħtieġu kura għandhom it-tendenza li jkollhom aktar diffikultajiet ta' saħħa mentali u li ma jkollhomx prestazzjoni tajba fl-iskola, kif ukoll eżiti aktar negattivi b'effetti fit-tul fuq l-introjtu u l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà.

34. Dawn il-konklużjonijiet jibnu fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHOM, FILWAQT LI JIRRISPETTAW IR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI:**

35. JIPPROMWOVU l-isforzi mill-impjegaturi u s-sħab soċjali biex jiżviluppaw, isaħħu u jimplimentaw politiki li jiżguraw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fid-diversità kollha tagħhom, politiki dwar is-saħħa mentali bl-għan li jtejbu l-benesseri tal-ħaddiema, kif ukoll politiki favur il-familja fuq il-post tax-xogħol b'perspettiva tal-ġeneru, inkluż politiki favur it-treddigħ, u informazzjoni mmirata għall-missirijiet, li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-ġenituri u jippermettu wkoll li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet emozzjonali, psikoloġiċi u fiżiċi tat-tfal.

36. JIŻGURAW servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja għat-tfal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u persuni oħra fil-bżonn, inkluż il-kura fid-dar u l-kura bbażata fil-komunità li jappoġġaw l-għajxien indipendenti, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

37. ISEGWU politiki dwar l-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: il-Miri ta' Barċellona għall-2030. It-titjib tal-miżuri ta' leave tal-ġenituri u tas-servizzi tal-ECEC, kif ukoll l-appoġġ għall-familji b'ġenitur wieħed, fost oħrajn permezz ta' għajnuna finanzjarja, huma essenzjali.

38. JINTENSIFIKAW l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, speċjalment fir-rigward tal-għoti ta' aċċess effettiv u liberu għall-ECEC għat-tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

39. IQAJMU KUXJENZA fost l-impjegaturi u JGĦINUHOM japplikaw prattiki tax-xogħol li jadattaw għall-ħtiġijiet individwali tal-ħaddiema, bħat-telexogħol, u arranġamenti tax-xogħol flessibbli inkluż ġimgħat tax-xogħol ikkompressati jew sigħat imnaqqsa, kif ukoll jagħtu leave speċifiku u protezzjoni relatata, u JGĦINUHOM japplikaw inizjattivi oħra bil-ħsieb li jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal kulħadd, speċjalment għal dawk bi tfal żgħar u ħaddiema b'responsabbiltajiet oħra ta' kura. JIEĦDU KONT tal-ħtiġijiet tal-ħaddiema b'diżabilità f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, huwa importanti li n-nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata jiġi rikonoxxut bħala riskju għas-saħħa okkupazzjonali u li jiġu adottati miżuri preventivi biex jiġi indirizzat dan ir-riskju.

40. IQAJMU KUXJENZA dwar il-fatt li l-ġenituri kollha, u b'mod partikolari l-ommijiet, jistgħu jeħtieġu appoġġ biex jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tagħhom, u li l-impjegaturi jista' jkollhom rwol pożittiv billi jattendu b'mod attiv għall-ħtiġijiet individwali tal-ġenituri kollha u ta' persuni oħra li jindukraw fil-forza tax-xogħol tagħhom.

41. JIŻGURAW traspożizzjoni u implimentazzjoni f'waqthom u korretti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, u dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, filwaqt li titqies id-distribuzzjoni mhux ugwali ta' xogħol ta' kura mhux imħallas għad-detriment tan-nisa.

42. JIEĦDU MIŻURI biex itejbu l-forniment ta' servizzi tal-ECEC u servizzi ta' kura li jkunu inklużivi, aċċessibbli, flessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal u dipendenti oħra tul il-ħajja, sabiex jappoġġaw lill-ġenituri b'responsabbiltajiet ta' kura, filwaqt li jiżguraw ukoll enfasi qawwija fuq l-eżiti pożittivi għat-tfal u għal riċevituri oħra tal-kura. IQAJMU KUXJENZA dwar l-importanza soċjali u ekonomika u l-valur tax-xogħol ta' kura li huwa essenzjali għall-benesseri kollettiv tas-soċjetajiet. ITEJBU l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema f'dan is-settur sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed servizzi disponibbli.

43. B'MOD EFFETTIV JIPPREVJENU U JIĠĠIELDU KONTRA d-diskriminazzjoni u r-ritaljazzjoni f'każ ta' tqala jew stat ta' ġenitur kif ukoll minħabba li jittieħed jew jintalab leave li jkun relatat mal-kura bħal leave tal-maternità, tal-paternità, u tipi differenti ta' leave tal-ġenituri, jew leave ta' familjari li jindukraw u minħabba li jkunu ntalbu arranġament tax-xogħol flessibbli, billi jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

44. JIPPROMWOVU inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li jenfasizzaw il-benefiċċji tal-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura u dawk domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż bil-ħsieb li jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru.

45. JIKKUNSIDRAW politiki u miżuri biex itejbu l-prospetti ta' impjieg għall-persuni li jindukraw b'mod informali, b'enfasi partikolari fuq in-nisa li għandhom aktar minn 50 sena b'rati baxxi ta' impjieg. Tali miżuri jistgħu jinvolvu, fost l-oħrajn, l-għoti ta' taħriġ, konsulenza, u appoġġ psikoloġiku, kif ukoll iż-żieda fid-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja.

46. JAĦDMU FLIMKIEN, fejn xieraq, mal-impjegaturi u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema biex titqajjem kuxjenza u jingħata taħriġ lill-maniġers u lill-persunal rigward il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali taż-żamma tal-impjegati, u rigward ir-rwol tal-politiki li jiżguraw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw f'dan il-kuntest, filwaqt li jissottolinjaw l-importanza li tiġi adottata perspettiva tal-ġeneru u li jiġu evitati l-preġudizzji tal-ġeneru, inkluż bil-ħsieb li jinżamm it-talent femminili.

47. JIPPROMWOVU l-użu tan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali fil-kuntest tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż arranġamenti tax-xogħol flessibbli, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw.

48. JIĠĠIELDU u JQAJMU KUXJENZA dwar l-istereotipi u l-preġudizzji marbuta mal-ġeneru, li jibdew minn età bikrija, speċjalment fl-edukazzjoni u fl-impjieg kif ukoll fis-soċjetà inġenerali, inkluż sabiex irawmu l-parteċipazzjoni ugwali tal-irġiel fix-xogħol domestiku, fil-kura informali u fil-kura ta' wliedhom u dipendenti oħra, inkluż permezz tal-użu tal-leave tal-ġenituri, leave tal-paternità u leave ta' familjari li jindukraw. IQAJMU KUXJENZA fis-soċjetà kollha dwar l-importanza tal-kontribut attiv u ugwali tal-irġiel f'dan ir-rigward. IRAWMU l-involviment tal-irġiel u s-subien bħala aġenti u benefiċjarji tal-bidla u biex iġibu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward ta' xogħol ta' kura mħallas u mhux imħallas. JIŻGURAW li l-informazzjoni dwar ir-regoli u l-intitolamenti legali dwar il-benefiċċji għall-ġenituri u dwar id-disponibbiltà ta' dawn ir-regoli u l-intitolamenti legali tkun faċilment aċċessibbli.

49. JIPPROMWOVU approċċ ibbażat fuq id-drittijiet biex jiġu appoġġati l-individwi, speċjalment in-nisa u l-bniet, li qed irabbu t-tfal filwaqt li jieħdu ħsieb ukoll membri tal-familja akbar fl-età jew qraba b'diżabilità jew mard serju. Sabiex ikunu jistgħu jirrikonċiljaw ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, u biex jagħmlu l-għażliet tagħhom stess f'dan il-kuntest, dawn il-persuni li jindukraw b'mod informali jeħtieġu appoġġ partikolari bħal miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kura ta' solliev, taħriġ, miżuri ta' saħħa u sikurezza, konsulenza, kura tas-saħħa u appoġġ psikoloġiku kif ukoll appoġġ finanzjarju.

50. IQISU B'MOD SPEĊJALI l-ħtiġijiet ta' persuni u familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u JSAĦĦU l-għoti ta' inċentivi għalihom, sabiex tiġi ffaċilitata rikonċiljazzjoni aħjar bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata. JIPPROVDU appoġġ addizzjonali lill-ġenituri b'diżabilità u lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew tfal morda, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom f'termini ta' servizzi ta' appoġġ, inkluż assistenza personali, u kura tas-saħħa. IQISU s-sitwazzjoni tal-familji b'ġenitur wieħed meta jfasslu politiki biex jappoġġaw lill-ġenituri.

51. JIPPROMWOVU s-solidarjetà interġenerazzjonali billi jiffaċilitaw politiki u miżuri li jipprovdu attivitajiet u kooperazzjoni interġenerazzjonali, b'enfasi speċjali fuq appoġġ reċiproku, filwaqt li jiżguraw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u komunità ta' appoġġ għall-individwi kollha. IQAJMU KUXJENZA, fejn xieraq, dwar il-valur soċjali tal-kura ta' persuni akbar fl-età, inkluż tal-kura pprovduta minn dawk qrib il-persuna li teħtieġ kura.

52. JAPPOĠĠAW lill-awtoritajiet lokali biex iġibu flimkien liż-żgħażagħ u lill-anzjani permezz ta' inizjattivi bħal spazji multiġenerazzjonali, u skemi ta' volontarjat u billi jikkondividu prattika tajba fil-qasam ta' politiki favur il-familja u inklużivi, kif ukoll billi jippromwovu d-djalogu interġenerazzjonali u s-solidarjetà.

53. JIPPROVDU lill-persuni akbar fl-età b'opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet allinjati mal-esperjenza u l-għarfien tagħhom, u b'hekk jisfruttaw il-potenzjal tagħhom u jħeġġuhom iżommu rwol produttiv fis-soċjetà u fil-komunità immedjata tagħhom. JAPPOĠĠAW sforzi li jippromwovu t-tixjiħ attiv u b'saħħtu, u b'hekk jistabbilixxu l-pedament għal ħajja tax-xogħol itwal u aktar sostenibbli fil-kuntest tal-isfidi demografiċi. JIPPROMWOVU approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u perspettiva tul il-ħajja fir-rigward tat-tixjiħ, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-potenzjal differenti tal-persuni kollha fis-soċjetà.

54. JIPPROMWOVU programmi ta' volontarjat taż-żgħażagħ li jiffukaw fuq l-għajnuna lil persuni akbar fl-età b'kompiti ta' kuljum, u b'hekk irawmu kultura ta' kura u responsabbiltà.

55. JAPPOĠĠAW inizjattivi komunitarji biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ dwar il-vantaġġi li jirriżultaw meta l-anzjani jiġu megħjuna jiksbu ħiliet diġitali, u b'hekk jgħinu biex jiċkien id-distakk diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet u jippromwovu s-solidarjetà interġenerazzjonali, għall-benefiċċju ta' kulħadd.

56. JISFRUTTAW L-OPPORTUNITAJIET offruti mill-firxa ta' strumenti ta' finanzjament u ta' appoġġ tekniku disponibbli fil-livell tal-UE għat-tfassil ta' risponsi ta' politika u ta' investiment meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi demografiċi, inkluż il-forniment ta' ECEC u servizzi ta' kura fit-tul aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ir-risponsi jiġu adattati għal kundizzjonijiet reġjonali jew lokali speċifiċi u jinħolqu kundizzjonijiet għal involviment attiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u partijiet ikkonċernati oħra, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, U FILWAQT LI JIRRISPETTAW IR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI:**

57. JIFFAĊILITAW il-kollaborazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-impjegaturi, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien dwar is-suġġett tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel bħala xprun tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indipendenza ekonomika tan-nisa fil-kuntest tal-isfidi demografiċi.

58. IQAJMU KUXJENZA fis-soċjetà kollha u fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż l-impjegaturi u dawk li jfasslu l-politika, dwar l-etaiżmu, il-konsegwenzi tiegħu għall-individwi u s-soċjetà inġenerali, u l-ħtieġa u l-possibbiltajiet li dan jiġi indirizzat.

59. IKOMPLU jinkoraġġixxu u jappoġġaw lis-sħab soċjali Ewropej fl-indirizzar tal-kwistjonijiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fil-kumitati ta' djalogu soċjali transindustrijali u settorjali tagħhom.

60. JINKORAĠĠIXXU T-TITJIB tal-opportunitajiet u tal-inċentivi tax-xogħol, kif ukoll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, għal persuni akbar fl-età, irawmu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u jqajmu kuxjenza dwar il-potenzjal tagħhom u l-kontribut li jagħmlu, u b'hekk jirrikonoxxuhom bħala assi għas-soċjetà. ISAĦĦU r-rwol li għandhom il-persuni akbar fl-età fil-mentoraġġ, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kontribut biex jinżammu r-rabtiet soċjali. JIEĦDU MIŻURI BIEX INAQQSU s-solitudni fost il-persuni akbar fl-età u JAPPOĠĠAW l-isforzi biex jittejbu s-saħħa mentali u fiżika tagħhom.

61. JIPPROMWOVU l-kondiviżjoni ugwali tax-xogħol ta' kura mhux imħallas u r-responsabbiltajiet domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel u JKOMPLU jieħdu miżuri, inkluż l-iskambju ta' prattika tajba, biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-indukrar tat-tfal mill-missirijiet, is-sħab u l-irġiel li jindukraw b'mod informali, inkluż permezz tal-użu tal-leave tal-ġenituri, li huwa għall-benefiċċju kemm tal-missirijiet kif ukoll tat-tfal, kif ukoll il-parteċipazzjoni akbar tagħhom fil-kura fit-tul, bil-ħsieb tal-kondiviżjoni ugwali ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel, u b'hekk tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol kif ukoll il-progressjoni tal-karriera u l-indipendenza ekonomika tagħhom.

62. JIPPROMWOVU l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri adottati biex jissaħħaħ il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal kulħadd u biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi.

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:**

63. TQAJJEM KUXJENZA fost l-impjegaturi u l-ħaddiema dwar id-drittijiet ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li jitolbu miżuri li jirrispettaw il-ħtiġijiet tal-individwi, bħal-leave tal-ġenituri individwali u mhux trasferibbli u arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kif ukoll dwar il-protezzjoni legali kontra t-tkeċċija u d-diskriminazzjoni, u dwar id-drittijiet tal-impjieg rigward l-għoti tal-istess kundizzjonijiet tax-xogħol jew kwalunkwe titjib fil-kundizzjoni tax-xogħol u l-paga meta jirritornaw mil-leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri. Għal dan l-għan, TINKORAĠĠIXXI t-titjib tal-ġbir ta' data diżaggregata skont is-sess sabiex titkejjel b'mod adegwat il-kopertura effettiva tal-miżuri ta' protezzjoni tal-leave tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, kif ukoll tal-miżuri relatati ma' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, u l-eżiti tagħhom.

64. TAPPOĠĠA r-riċerka**,** filwaqt li tadotta perspettiva tul il-ħajja, biex teżamina l-ħtiġijiet tal-individwi f'sitwazzjonijiet tal-ħajja differenti relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż ir-rikonċiljazzjoni tal-aspirazzjonijiet tal-familja u x-xogħol imħallas, abbażi tas-Sett ta' Għodod Demografiċi tal-Kummissjoni.

65. TIPPROMWOVI l-iskambju ta' prattika tajba biex tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni ugwali bejn in-nisa u l-irġiel tar-responsabbiltajiet għall-indukrar tat-tfal u l-kura informali, sabiex jittaffa l-piż soċjali u finanzjarju li jinġarr b'mod sproporzjonat min-nisa li jindukraw u biex tissaħħaħ l-awtosuffiċjenza ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-għajnuna għall-ġenituri waħedhom (li fil-biċċa l-kbira huma ommijiet waħedhom) biex jikkombinaw ir-responsabbiltajiet tal-kura u x-xogħol.

66. TAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tavvanza u tipproteġi d-drittijiet u l-interessi tal-persuni akbar fl-età, filwaqt li tagħti attenzjoni, b'mod partikolari, għall-ħtiġijiet tan-nisa akbar fl-età u għal dawk tal-persuni akbar fl-età li jgħixu b'diżabilità, filwaqt li tapplika approċċ intersezzjonali, inkluż billi tippromwovi lonġevità fi stat ta' saħħa tajjeb permezz ta' inizjattivi u programmi fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, u filwaqt li tqis perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-solidarjetà interġenerazzjonali.

67. TKOMPLI tappoġġa l-politiki fil-livell tal-UE għal rikonċiljazzjoni aħjar tal-aspirazzjonijiet tal-familja u x-xogħol imħallas, b'mod partikolari billi tiżgura bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u aċċess għal ECEC ta' kwalità għolja, bil-ħsieb li titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġenerazzjonijiet iżgħar u akbar fl-età u għal eżiti pożittivi għat-tfal, b'mod partikolari bħala mod kif tittejjeb il-kompetittività, kif previst fis-Sett ta' Għodod Demografiċi tal-Kummissjoni.

68. TIFFAĊILITA l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet demografiċi u tapplika perspettiva tal-ġeneru meta tfassal proposti ta' politika rilevanti u, fejn xieraq, TIVVALUTA l-impatti tagħhom fuq l-indirizzar tal-isfidi demografiċi, bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos u d-distakk li qed jikber bejn iż-żoni urbani u dawk rurali.

## Referenzi

### Dritt primarju tal-UE

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU C 326/47, 26.10.2012, p. 47.

Il-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, C 326/13, 26.10.2012, p. 13.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

Id-Direttiva 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

### Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), (7370/11)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rikonċiljazzjoni bejn ix-Xogħol u l-Ħajja tal-Familja fil-Kuntest ta' Tibdil Demografiku. (10324/11)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Isfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem (8668/20)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (2020) (13584/20)

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13584-2020-INIT/mt/pdf

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tat-tibdil demografiku fl-Ewropa (16754/23)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru (16094/1/23 REV 1)

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16094-2023-REV-1/mt/pdf

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2022/C 476/01)

**Livell interistituzzjonali tal-UE**

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

**Kummissjoni Ewropea**

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 2021:
https://op.europa.eu/webpub/empl/european-pillar-of-social-rights/mt/

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM/2023/577 final, Brussell, 11.10.2023.

DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs: Jumping the Generation gap. How the EU promotes intergenerational solidarity, 2009,
https://www.europeansources.info/record/jumping-the-generation-gap-how-the-eu-promotes-intergenerational-solidarity/

Caring for children in Europe: How childcare, parental leave and flexible working arrangements interact in Europe, 2014:
https://www.researchgate.net/publication/345022022_Caring_for_children_in_Europe_How_childcare_parental_leave_and_flexible_working_arrangements_interact_in_Europe

Harnessing Talent Platform – A new boost for EU Regions:
https://ec.europa.eu/regional_policy/policy/communities-and-networks/harnessing-talent-platform_en

Portal tad-Data taċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Migrazzjoni u d-Demografija (KCMD) - Long-term care (LTC), https://migration-demography-tools.jrc.ec.europa.eu/atlas-demography/stories/AoD/2/S3.8

Kummissjoni Ewropea – Eurostat: Active ageing and solidarity between generations - A statistical portrait of the European Union 2012, 2011, https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/5740649/KS-EP-11-001-EN.PDF/1f0b25f8-3c86-4f40-9376-c737b54c5fcf

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: The impact of demographic change – in a changing environment. Brussell, 17.1.2023, SWD(2023) 21 final.

Green Paper dwar it-Tixjiħ – Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet, 2021, https://commission.europa.eu/system/files/2021-06/green_paper_ageing_2021_en.pdf p.4.

**Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

Opinjoni dwar is-Sett ta' Għodod Demografiċi tal-Kummissjoni (CDR-1173-2024), https://cor.europa.eu/en/our-work/opinions/cdr-1173-2024

**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-Istrateġija Ewropea għall-Kura (SOC/741), https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/european-care-strategy

Ensuring a needs-based work-life balance for all: How adequate flexible working conditions can support intergenerational solidarity and the empowerment of women (SOC/808)

**Eurofound**

Striking a balance: Reconciling work and life in the EU. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018, https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2018/striking-balance-reconciling-work-and-life-eu

**Eurostat**

Part-time employment as percentage of the total employment, by sex and age (%), 2022.

Main reason for part-time employment - Distributions by sex and age (%), 2022.

**Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

Gender inequalities in care and consequences for the labour market, https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-inequalities-care-and-consequences-labour-market

EUROPEAN ISTITUTE FOR GENDER EQUALITY: A Better Work–Life Balance: Bridging the gender care gap, 2023, https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/better-work-life-balance-bridging-gender-care-gap?language_content_entity=en

Stħarriġ dwar id-differenzi bejn il-ġeneri f'attivitajiet ta' kura, individwali u soċjali mhux imħallsa, 2022.

Data mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bbażata fuq il-mikrodata tal-UE-SILC tal-2022

**Nazzjonijiet Uniti**

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing

Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW)

Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, riżoluzzjoni 34/180 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, 18 ta' Diċembru 1979.

Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, 20 ta' Novembru 1989.

**Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN CRPD)**

Preparations for and observance of the 30th anniversary of the International Year of the Family: Rapport tas-Segretarju Ġenerali, 2022, https://digitallibrary.un.org/record/3998339?v=pdf

Intergenerational Issues Factsheet, UNDESA:
https://www.un.org/development/desa/youth/intergenerational-issues-factsheet.html

Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, Mira 5: https://www.undp.org/sustainable-development-goals/gender-equality

The growing need for long-term care. Assumptions and realities. UNDESA:
https://www.un.org/esa/socdev/ageing/documents/un-ageing_briefing-paper_Long-term-care.pdf

Caregiving in an ageing world. Dokument ta' Sinteżi Nru. 143 tal-UNDESA, 2022,
https://www.un.org/development/desa/dpad/wp-content/uploads/sites/45/publication/PB_143.pdf

Advancing intergenerational solidarity. Dokument ta' Sinteżi, Nru. 8, 2010, UNECE:
https://unece.org/DAM/pau/_docs/age/2010/Policy-Briefs/8-Policy-brief_AIS.pdf

Intergenerational Family Relationships in Ageing Societies, 2010, UNECE:
https://unece.org/DAM/pau/_docs/age/2010/Intergenerational-Relationships/ECE-WG.1-11.pdf

Long-term care for older people. A new global gender priority. Dokument ta' Sinteżi Nru. 9, UN Women:
https://www.unwomen.org/sites/default/files/Headquarters/Attachments/Sections/Library/Publications/2017/UN-Women-Policy-Brief-09-Long-term-care-for-older-people-en.pdf

**Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**

Maternity protection in the context of work-life reconciliation for men and women, Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, 2011, https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---europe/---ro-geneva/---sro-moscow/documents/genericdocument/wcms_306489.pdf

Encyclopaedia of Occupational Health and Safety, Employee Assistance Programmes, Work and Family Issues: A Case in Point, https://www.iloencyclopaedia.org/part-ii-44366/health-protection-a-promotion/item/151-employee-assistance-programmes

**Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa**

How can we do better for our families? Issues, Outcomes, Policy Objectives and Recommendations. OECD Publishing, 2011, https://www.oecd.org/espanol/noticias/47707176.pdf

Walking the tightrope: Background brief on parents' work-life balance across the stages of childhood, Diċembru 2016, https://www.researchgate.net/publication/312126058_Walking_the_tightrope_Background_brief_on_parents'_work-life_balance_across_the_stages_of_childhood

Walking the tightrope: avoiding a lockdown while containing the virus, 30 ta' Novembru 2020, https://www.oecd.org/en/publications/walking-the-tightrope-avoiding-a-lockdown-while-containing-the-virus_1b912d4a-en.html

Health at a Glance, 2021, https://www.oecd-ilibrary.org/sites/ae3016b9-en/1/2/1/index.html?itemId=/content/publication/ae3016b9-en&_csp_=ca413da5d44587bc56446341952c275e&itemIGO=oecd&itemContentType=book

**Oħrajn**

Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE): The Benefits of Intergenerational Relationships, https://epale.ec.europa.eu/en/content/benefits-intergenerational-relationships

Dipartiment Tematiku għall-Politika Ekonomika, Xjentifika u tal-Kwalità tal-Ħajja tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, l-Unjoni Ewropea (HOFMAN, Joanna - NIGHTINGALE, Madeline - BRUCKMAYER, Michaela - SILVA, Annemari - PICKEN, Natalie – KUNERTOVA, Linda): After parental leave: Incentives for parents with young children to return to the labour market, 2020.

ROCARD, Eileen - LLENA-NOZAL, Ana: Supporting informal carers of older people: Policies to leave no carer behind. OECD Health Working Papers No. 140, 2022, https://www.oecd-ilibrary.org/docserver/0f0c0d52-en.pdf?expires=1709719622&id=id&accname=guest&checksum=039AF1EB961911A1F6C6387B61A6424C